


# Il-MEUSAC għandu jkun pro-attiv

*8/29/2008 2:23:25 PM*
*Awtur: Charles MUSCAT*

Il-Kumitat ta' Azzjoni bejn Malta u l-Unjoni Ewropea (MEUSAC) għandu jkun pro-attiv u mhux biss jiddiskuti l-proposti leġislattivi li jkunu ġejjin mill-Unjoni Ewropea, iżda l-membri tal-MEUSAC għandhom ukoll il-possibbilta' li jpoġġu fuq l-aġenda punti li huma jaħsbu li pajjiżna jrid ipoġġi fuq l-aġenda tal-UE.

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u l-Informazzjoni Chris Said qal dan meta mexxa l-ewwel laqgħa tal-Core Group tal-MEUSAC li għaliha attendew ir-rappreżentanti tal-partiti politiċi, tal-korpi kostitwiti, tas-soċjeta' ċivili u rappreżentanti tal-Gvern. Fil-laqgħa ħa sehem ukoll il-Kap tal-MEUSAC Vanni Xuereb. Fil-ftuħ tal-laqgħa, s-Segretarju Parlamentari Chris Said qal li l-Gvern ħass il-bżonn li jerġa' jwaqqaf il-MEUSAC wara l-esperjenza pożittiva ta' dan il-Kumitat waqt il-proċess tan-negozjati għas-sħubija ta' Malta fl-UE. Hu qal li l-MESUAC irid ikun il-Forum fejn issir konsultazzjoni wiesgħa dwar il-Leġislazzjonijiet tal-UE kif ukoll biex iressaq proposti għad-diskussjoni.

Min-naħa tiegħu, Vanni Xuereb qal li l-MEUSAC qed jiġbor madwar mejda lil Uffiċjali Għolja tal-Gvern, rappreżentanti tal-erba' partiti politiċi, tal-korpi kostitwiti, ta' Għawdex u esperti. Fil-laqgħat li jmiss se jkun hemm ukoll ir-rappreżentanti li se jiffurmaw id-disa' Sotto-Kumitati. Hu qal li minbarra l-proċess ta' konsultazzjoni, l-MEUSAC irid ukoll jipprovdi informazzjoni u jagħti għajnuna dwar il-programmi u l-fondi tal-UE.

Matul il-laqgħa saret diskussjoni dwar il-proċess ta' konsultazzjoni, dwar il-formazzjoni tas-Sotto-Kumitati, kif ukoll il-pjan ta' ħidma għall-2008/2009. Kien deċiż li l-*Core Group* tal-MEUSAC jiltaqa' kull raba' Ġimgħa tax-xahar u li t-tliet rappreżentanti tal-NGOs fil-*Core Group*

F'kumment lil MaltaRightNow.com wara l-laqgħa, Chris Said qal li kienet laqgħa pożittiva fejn il-membri kollha kellhom l-opportunita' jitkellmu dwar ir-rwol ta' dan il-Forum. Hu qal ukoll li l-membri kollha kellhom reazzjoni pożittiva li dan kien pass importanti li se jkompli jgħin biex issir konsultazzjoni kontinwa u wiesgħa dwar dak kollu li għandu x'jaqsam mal-UE. Vanni Xuereb qal li hu ottimist għall-futur tal-MEUSAC għax wara din il-laqgħa ra spirtu pożittiv u hemm rieda li l-proċess li nbeda jkompli jissaħħaħ.